MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Numru. 1002/2012

**Artikoli 42(a)(b), 108(1) u 298D tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**CARMEL MICALLEF**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CARMEL MICALLEF** ta' 33 sena, bin Joe u Doris nee' Curmi, imwieled Marsa fid-9 ta' Mejju, 1979 u residenti 'Neil', 157, Triq Santa Katarina, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 262079(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Fil-jum tal-10 ta' Gunju, 2002, halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat, jew quddiem ufficcjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, u cioe' halef il-falz waqt affidavit innumerat 112773, li kien ghamel gewwa d-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet, il-Furjana;

2. F'xi jum mis-sena 2002, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li kien baghbas, nehha, biddel, jew ghamel numru ta' identifikazzjoni ta' *chassis* jew makna ta' jew fuq vettura bil-mutur, billi kien ta ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, theddid, maniggi jew ghemil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita' jew setgha, inkella li kien ta

struzzjonijiet biex isir delitt fuq il-vettura tal-ghamla Ford Escort Mark 1 bin-numru tar-registrazzjoni HAH-421 f'garaxx gewwa Birkirkara;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. DB1 a fol. 4, il-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. DB2 a fol. 5, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Settembru, 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. DB3 a fol. 6, id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghall-parir legali mmarkat Dok. DB4 a fol. 7, l-istqarrija tal-imputat immarkata Dok. DB5 a fol. 8 et seq u d-dokument konsistenti fl-affidavit ta' Carmel Micallef immarkat bhala Dok. DB6 a fol. 11 tal-Process.

Rat illi fl-ezami li sar lill-imputat nhar it-12 ta' Novembru 2012 l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 xehed il-**Maggur 1460 George Farrugia** fejn saritlu mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk kienx inkarigat mill-ispezzjoni tal-vettura Ford Escort Van, li kienet bla pjanci dak iz-zmien u hu wiegeb iva. Gie mistoqsi jekk jistax jispjega lill-Qorti x'irrizultalu minn din l-ispezzjoni li ghamel. Spjega li meta zamm l-ewwel spezzjoni fuq din il-vettura kellha l-istampar tax-*chassis number* mal-pilastru, li skond il-*log book* ma kellux l-MP's fuqu, allura jirrizulta li dak ma kienx originali. L-originali tal-Ford Escort ikun stampat fuq ix-*shock absorber* tan-naha tax-xufier. Gie mistoqsi x'ried ifisser meta stqarr li x-*chassis number* ma kienx originali u huwa wiegeb li jkun falz jigifieri jkun stampat minn haddiehor. Gie mistoqsi jekk kellimx lill-

persuna li gabet il-karozza u wiegeb li l-persuna li gabet il-karozza ghall-ispezzjoni kienet Rita Seguna r-*registered owner* tal-vettura u hi mill-ewwel qaltlu li l-*punching* kien sar mill-Pulizija u li l-punching kien qed jitlaq biz-zmien. Mistoqsi jekk kellux diversi konfronti ma' din il-persuna Rita Seguna qal li kien mill-ewwel gurnata mal-ispezzjoni qalilha li dak l-istampar m'huwiex tal-Pulizija. Dan ghax meta l-pulizija jippancjaw numru fuq il-karozza juzaw l-emblema tal-Pulizija, l-'MP' li tfisser Malta Police u oltre dan ghandhom id-*digits* li huma specjalizzati ghall-Pulizija. Hi bdiet tghidlu le, dak il-*punching* sar mill-Pulizija iktar minn ghaxar (10) snin ilu. Qalilha li ma jistghax ikun, u qalilha biex thalli f'idejh, ghax se jaghmel ir-ricerki tieghu u jekk johrog dan in-numru jghidu li sar mill-Pulizija. Pero' mir-ricerki kollha li ghamel, qalleb hafna kotba *plus* li gab il-*file* minn Transport Malta u dan in-numru ma deher imkien.

Huwa spjega li wara cempel lil Rita Seguna u qalilha biex tiehu pacenzja u terga tmur l-ufficju ha jkellimha sabiex ittih iktar informazzjoni. Dakinhar Rita marret ma' certu wiehed Carmel Micallef li hi qaltlu li din kienet il-persuna li hadet hsieb dan ix-xoghol li sar fuq il-vettura. Dan Carmel Micallef dakinhar beda jghidlu l-*punching* sar mill-Pulizija. Ix-xhud wiegbu billi spjegalu li allura min ippancjah ha zball, min jiccekjah ha zball u min kiteb ha zball oltre dan qallu li l-MP's tal-Pulizija ma jezistu mkien. Micallef beda jghidlu le u li dan sar fil-garaxx tal-Pulizija. Imbaghad ikkonfrontah u qallu ara d-diskors li qed tghid m'huwiex kredibbli u talabhom sabiex imorru ghand in-nutar u jaghmlulu affidavit u qallhom ukoll li jekk jirrizulta li l-affidavit mhux veritier il-kwistjoni tigi kontra taghhom.

Ghaddew jumejn u cempel lil Rita Seguna fejn infurmatu li Carmel Micallef ma riedx jaghmel l-affidavit ghax ma riedx konfront mal-Pulizija. Hu ovvjament cempel lil Carmel Micallef, u qallu biex jerga jmur l-ufficju tieghu sabiex ikellmu. Filfatt dakinhar stess mar l-ufficcju fejn qallu sabiex jippreciza ruhu. Qallu li x-xoghol li kien ghamel fil-karozza kien biss l-ispray. Fejn sar ix-xoghol tal-*panel beating* qallu hu ma kienx jaf, qallu ukoll li l-karozza hu kien taha lil sidha. Qabez fuqu u qallu li skond l-affidavit irrilaxxjat minnu x-xoghol kien ghamlu hu. Huwa wiegbu le lix-xhud, u qallu li dak l-affidavit hu hadu biex jghin lil Rita Seguna. Pero' x-xoghol ma ghamlux hu, hu kull ma ghamel l-ispray. Qal li hu gab il-karozza ghand il-Pulizija biex jaghmlulha l-*punching* u l-Pulizija ta' dak iz-zmien talbuh biex jara l-istampar fejn qieghed u hu minn hemmhekk qallu li ta lura l-karozza lil sid il-vettura u x'sar minn hemm ma jaf xejn aktar. Jghid pero’ li Micallef ma ammettiex li hu kien il-persuna li kien ghamel il-punching fuq il-vettura u qal ukoll li l-affidavit kien mehud aktar minn ghaxar (10) snin ilu.

Ix-xhud gie muri l-affidavit esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. DB6 liema affidavit gie moghti lilu minn Rita Seguna u spjega li s-sid ta' dan il-vann kien gablu l-van biex jaqtghalu s-sadid li kien hemm mad-dawra fejn kien max-*shock absorber*. Spjega li ma tantx seta jaqra l-affidavit li gie muri lilu ghaliex ma kienx car. Huwa spjega li dik in-naha kollha bis-sadid u ghalhekk qata' l-pjanca l-antika u wahhal il-pjanca l-ohra fiz-zewg nahat. Huwa tenna li ma ndunax li seta' kien hemm in-numru tax-*chassis* ittimbrat CHH, CAH421 u l-kumplament.

Illi nhar il-14 ta’ Ottubru, 2013 xehdet **Rita Seguna** u giet mistoqsija jekk hijiex sid il-vettura Ford Escort u jekk tikkonfermax li hadet il-vettura ghand

il-Pulizija ghall-inspezzjoni u hija wiegbet iva. Giet mitluba tispjega lill-Qorti x'irrizulta minn dik l-ispezzjoni u x'gara. Spjegat li l-meta hadu l-vettura ma kienx hemm ix-*chassis number* ghax ma kienx gie ittimbrat ghand il-Pulizija. Giet mistoqsija jekk tafx  x'konnesjoni l-imputat kellu mal-kaz u spjegat li l-imputat kien habib taghha u kien ha l-vann ghall-VRT u ma ghaddewhx ghax ix-*chassis number* kien fuq pjanca. Spjegat li kienet ser tmur hi biex tirranga l-vann pero' offra ruhu li jmur hu biex jirranga l-vann. L-imputat mar id-dar u qalilha li kollox kien *all right*, taha karta bit-timbru tal-ADT, u qalilha li l-vann *all right*. Hija tenniet li kienet tkelmet mal-Maggur meta kienet ghadha tuza l-vann. Ix-xhud spjegat li maz-zmien irrangaw it-triq u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn tinzel l-ghalqa bil-vann u bdiet tmur bil-karozza taghha. Ghalhekk hija ggaraxxjat il-vann ghax ma rieditx tiskrapjah habba li hu ta' missier it-tifel taghha. Maz-zmien it-tifel taghha ried iduru u hadu ghand *panel beater* u hadu ghall-*blasting.* Ftit taz-zmien wara hija staqsietu jekk hax hsieb tax-*chassis number* peress li kien ittimbrat naqra car u li seta jitlaq bil-*blasting*. Huwa wegibha li ma kienx jaf u li talabha tmur ticcekja hi u l-ghada marret ghand il-*panel beater*. Filfatt il-*panel beater* qalilha sabiex inaddfuh bil-*paint remover* ghax ma kienx qed jidher, ghax jekk jaghmlu bis-*sand paper* iktar ha jitlaq. Filfatt ghamluh bil-*paint remover* u sabu ftit minnu, pero' ma kienx in-numru kollu li kellha fuq il-*log book*. Ix-xhud kif rat dan iddecidiet li l-ghada tmur l-ADT u ghalhekk marret bil-*log book* l-ADT. Hija nfurmathom li kienu qed iduru dan il-vann u x'hin marret ticcekja c-*chassis number*, ma ratx in-numri kollha li hemm fuq il-*log book* u li bdew iqabbluhom kemm hi u anke l-*panel beater*.

Ix-xhud iddikjarat li l-ADT baghtuha l-garaxx tal-Pulizija u hemmhekk tkellmet mal-Maggur George u beda jfittex fuq il-*files* taghhom izda ma seta' jsibu mkien irregistrat. Qalilha biex tinfurmah min kien ghamel l-allegat

punching u qaltlu li kien Karmenu li ha l-vettura ghal punching u filfatt taghtu l-*mobile* taghha sabiex icempel lil Karmenu. Dak il-hin cempel lil Karmenu u staqsieh fejn kien ghamel il-punching u dan stqarr li kien mar fil-garaxx tal-Pulizija. Ix-xhud sostniet li sadanittant hija kienet qieghda l-hin kollu tinsisti ma' Karmenu biex jghid il-verita'. Darba minnhom fil-hamsa (5) ta' April, kien lejlet il-Gimgha l-Kbira, il-Maggur kien cemplilha u talabha biex tispjega dak kollox li kien sehh  u cioe' fejn kien sar il-punching permezz ta' affidavit. Imbaghad dan Karmenu qal li ma kienx sejjer ghand nutar u ma kienx ser jaghmel affidavit. Huwa stqarr maghha li dak il-*punching* ma sarx il-garaxx tal-Pulizija. Imbaghad mar ghand il-Maggur u spicca ghand l-ispettur.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 xehed **PS 985 Stephen Pace** u spjega illi kien se jixhed fuq xhud ta' statement. Gie muri dokument DB4 fejn spjega li l-imputat kien irrifjuta li jiehu l-parir legali. Spjega li gharaf il-firem u kkonferma li kien hemm il-firma tieghu, tal-Ispettur u tal-imputat Micallef fuq id-dikjarazzjoni tar-rifjut. Gie mistoqsi jekk jaghrafx l-imputat u wiegeb iva, is-Sur Micallef. Gie muri wkoll l-Istqarrija tal-imputat li ttiehdet fl-ghaxra (10) ta' Mejju, immarkata bhala DB5 u kkonferma l-firma tieghu. Huwa spjega li l-imputat kien inghata s-solitu twissija mill-Ispettur Buhagiar. Huwa kien ikkopera mal-Pulizija u kien qallu li kien involut fit-tbaghbis tax-*chassis number* tal-vettura. Mistoqsi jekk gharafx il-firem ukoll wiegeb li iva kollox gharaf. Mistoqsi x'jiftakar iktar fuq l-investigazzjoni wiegeb li rrizultalu mill-investigazzjoni li kien hemm xi vann  li ma kellux *chassis number* u s-sid kien avvicina lill-imputat ghax kellu problema fuq ix-*chassis number* u l-imputat kien irranga hu biex isir dan ix-*chassis*, kien hadu ghand xi hadd u ppancjahulu. Mistoqsi rigward l-affidavit li kien sar dakinhar li kien ipprezentat fil-*file* wiegeb li ma jiftakar xejn fuq l-affidavit.

L-**imputat Carmel Micallef** ma xehedx f'dawn il-poceduri pero' kien irrilaxja stqarrija b'mod volontarju nhar l-10 ta' Mejju 2012 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 8 immarkata bhala Dok DB5. Ikkonferma li huwa kien jahdem bhala bennej ma' IVN Ltd. Jghid li fl-14 ta' April 2012 il-pulizija kienu baghtu ghalih biex ikellmuh dwar *chassis number* ta' karozza tal-marka Ford Escort MK1 ta' lewn blu u li hu prezentement bla numri ta' registrazzjoni u jghid li jiftakar li kien baghat ghalih il-Maggur ta' SVS u qaghad jistaqsieh kif spiccat il-vettura bix-*chassis number* li kellha u jghid li staqsewh ukoll jekk kien ha l-vettura ghand il-garaxx tal-pulizija biex jiccekjaw jekk jistghux jaghmlu *chassis number* gdid. Spjega li meta kien effettivament mar ghand il-garaxx tal-pulizija dawn xtaqu jaraw in-numru originali tax-chassis tal-vettura qabel ma jippancjaw numru gdid imma ma setghux isibuh minhabba li l-vann kien restawrat fejn kien hemm il-parti tax-chasis. Mistoqsi kif dahal fl-istorja meta l-vann huwa registrat fuq Rita Seguna wiegeb li huwa kellu relazzjoni maghha li kienet bdiet xi hdax-il sena ilu u li kienet damet xi seba' snin u xi hdax-il sena ilu Rita kienet hadet dan il-vann ghand il-VRT u dan ma ghaddiex minhabba li ma setghux isibu x-*chassis number* stampat. Meta mar ghand il-pulizija staqsewh fuq ix-*chassis number* u huwa kien qalilhom li l-vann kien restawrat minn xi persuna ohra izda din il-persuna ma setghetx tinstab ghaliex qabel il-vann kien ghand missier Rita. Jghid li mbaghad ghalhekk kien mar jaghmel affidavit fejn kien ammetta li kien ghamel ix-xoghlijiet hu fuq il-vann. Muri affidavit mill-pulizija jghid li dik kienet il-firma tieghu u jghid li f'dan l-affidavit jirrizulta bic-car li huwa ghamel ix-xoghlijiet fuq dan il-vann u ma ndunax li seta' kien hemm in-numru tax-*chassis* stampat fuq *shock absorber* u allura stqarr li kienet dikjarazzjoni falza u x-xoghol m'ghamlux hu. Jghid li huwa ghamlu sabiex ihaffef il-process sabiex b'hekk il-pulizija tkun tista tistampa numru iehor. Mistoqsi jekk kienx jaf li b'dan il-gurament falz kienx jaf li spicca ghamel reat kriminali hu wiegeb fl-

affermattiv. Qal li l-istampar sar f'garaxx Birkirkara ftit l-isfel mill-istabbiliment G&E Electronics tnax-il sena ilu u kien ta xi ghoxrin lira Maltin lil Brian ghax-xoghol li kien ghamel.

Illi din il-kawza flimkien ma' numru iehor kienet giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet tal-Prim Imhallef datat 21 ta' April 2014.

Illi dakinhar stess tad-29 ta' Mejju 2014 xehed **Stephen Cachia** u spjega li huwa qed jixhed ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta. Gie mitlub sabiex jaghmel ricerka fuq vettura tal-ghamla Ford Escort kulur ahmar, numru ta' registrazzjoni HAH-421 u jghid li din il-vettura ilha registrata fuq Rita Seguna sa mill-ewwel (1) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u disgha (2009) u ghadha irregistrata hekk sal-lum.

Mistoqsi jekk hemmx xi affidavit fir-*records* ta' dan il-*file* ta' din il-vettura spjega li le m'hemmx. L-affidavit huma kienu jaghmluh sabiex l-individwu jiehdu fil-garaxx tal-Pulizija.

Gie muri dokument esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dokument DB6 esebit fl-atti a fol. 11. Spjega li dan l-affidavit sar fis-sena elfejn u tnejn (2002) u ma sarx fil-prezenza tieghu. Spjega li x-xhud allegatament imnizzel fuq dan id-dokument lanqas ghadu jahdem ma' Transport Malta. Dan huwa tip ta' affidavit li kienu jsiru bhala procedura fejn l-individwu kien jigi u jispjega x'kien ikun il-kaz u ghaliex ikun irid jaghmel dan l-affidavit u jimlieh. Sussegwentement jiehdu lura biex jinghata lill-Pulizija. L-affidavit in kwistjoni ghandu timbru ufficcjali ta' Transport Malta u mahrug b'mod

legali. Mistoqsi jekk Transport Malta zzommx kopja ta' dan l-affidavit spjega li le ma jinzammx.

Illi din il-Qorti kif preseduta kienet apuntat il-kaz ghas-smiegh u ghal kontinwazzjoni ghad-29 ta' Mejju 2014 meta dakinhar il-partijiet kienu ezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga' tisma x-xhieda mill-gdid, u d-difiza ivverbalizzat l-eccezzjoni taghha ta' natura preliminari. Fil-fatt ivverbalizzat is-segwenti:-

*" Id-difiza tirrileva illi stante li l-allegat reat jirrisali ghal Gunju 2002 u a tenur ta' l-**Artikolu 108 (b) tal-Kap 9** il-piena ghall-ewwel reat hija ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija u l-piena ghat-tieni akkuza a tenur tal-**arikolu 298 (d)** huwa ta mhux aktar minn sena, ghaldaqstant ir-reati huma preskritti a tenur ta' l-**artikolu 688 (e)** tal-Kap 9."*

Illi verbalment il-Prosekuzzjoni stqarret li r-reati mhumiex preskritti u dan ghaliex il-perijodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri minn meta l-injot isir mgharuf.

Il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti processwali u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Din il-kawza ghalhekk illum tinsab differita ghas-sentenza kemm fuq l-ewwel eccezzjoni kif ukoll f'kaz li ma tigix milqugha fuq il-mertu.

Ikkunsidrat.

Illi d-difiza fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali qed issostni illi l-azzjoni kriminali hija legalment preskritta. Illi l-preskrizzjoni applikabbli ghar-reat addebitat lill-imputat hija dik ta' sentejn u dana a tenur ta' l-**Artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta billi r-reat tal-gurament falz ikkontemplat fl-**Artikolu 108(1)(b**) **tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** iggorr piena ta' prigunerija sa massima ta' tlett xhur, filwaqt li r-reat ta' tbagħbis, tneħħija eċċ. ta' numru ta' *chassis* jew magna iggorr piena massima ta' prigunerija sa sena ai termini tal-**Artikolu 298D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**. Kwindi d-difiza tikkontendi illi il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali bdiet tiddekorri mid-data tal-kummissjoni tar-reat u cioe' mid-data tal-10 ta' Gunju 2002 u cioe' d-data meta l-imputat irrilaxxja l-affidavit tieghu esebit fl-atti mmarkat bhala Dok. DB 6 u minghajr dubju ghalhekk fil-fehma taghha l-perjodu preskrittiv ta' dina l-azzjoni kriminali illum lahaq iddekorra. Ma hemmx dubju li l-Pulizija gja kellha suspett ragonevoli li l-imputat odjern kien ha gurament falz u dan meta kien il-Maggur George Farrugia stess li talbu sabiex jaghmel dan l-affidavit u spjegalu li jekk mhux veritier kien se jbaghti l- konsegwenzi tieghu. Jghid li huwa kien investiga dan il-kaz a tempo vergine meta Rita Seguna kienet taghtu l-affidavit li rrilaxja l-imputat ftit wara li kien investiga l-vettura li sab li kellha dik l-irregolarita' li spjega fix-xhieda principali tieghu.

Illi l-Prosekuzzjoni, minn naha taghha, qed takkampa ruhha mad-difiza illi f'dana l-kaz hemm l-applikazzjoni tal-**Artikolu 692** tal-Kodici Kriminali li jiddisponi testwalment:

***"Iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf"***

U ghalhekk fil-fehma tal-Prosekuzzjoni t-terminu tal-preskrizzjoni qatt ma seta' jibda jiddekorri favur l-imputat, ghaliex issostni li l-imputat ma kienx maghruf u tghid ukoll li lanqas ma kien maghruf id-delitt, jew ahjar il-kommissjoni tar-reat in dizamina peress illi l-affidavit kien f'idejn l-imputat u mhux f'idejn l-ADT.

Illi bid-dovut rispett ghad-difiza sollevata, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ttrattat dina l-kwistjoni legali fit-30 ta' Ottubru 2001 f'kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri**". Illi fid-decizjoni taghha dik il-Qorti sahqet illi l-qari ta' dak dispost fl-**Artikolu 692** ghandu jinqara b'mod restrittiv u l-interpretazzjoni tieghu ma ghandhiex titwessa sabiex tinkludi l-istanza fejn id-delitt lanqas ma jkun maghruf. Dan ghaliex l-Avukat Generali f'dik il-kawza argumenta illi gialadarba l-legislatur ried illi l-preskrizzjoni ma tiddekorriex meta l-hati mhux maghruf *multo magis* dana ghandu japplika meta lanqas ir-reat ma jkun maghruf ghaliex f'dana l-kaz awtomatikament ifisser ukoll illi lanqas il-hati ma jkun maghruf. Illi l-Qorti tal-Appell ma qabblitx ma' dana l-argument u stqarret:

*"Din il-Qorti minghajr ezitazzjoni tiddikjara li ma taqbel xejn mat-tezi prospettata mill-Avukat Generali u taghmel referenza mill-ewwel ghal dak li jghid **Giuglio Crivellari "Concetti Fondamentali di Diritto Penale"** publikat fl-1888, para 125 f'pagna 121:-*

***"**Per cio' che riguarda l'epoca da cui deve cominciare la decorrenza della prescrizione, il punto di partenza ha da essere e quello in cui cominciano a nascere rispettivamente nella societa' e nel delinquente i diritti e le obligazioni derivanti dal reato. In conseguenza, per quanto riflette la prescrizione dell'azione penale, essa principia dal giorno del commesso reato ancorche se ne ignori l'autore perche' e' da questo giorno che comincia nella societa' il diritto e l'obbligo a provedere**"**.*

Din il-Qorti sejra tirreferi wkoll ghal dak li jghid il-**Professur Mamo** fil-ktieb tieghu **Notes on Criminal Procedure**, (p. 33 – 34) fejn gie ritenut li:

*"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.*

*The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. **Sec. 664 [illum art. 692**] lays down that in respect of crimes, prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as*

*meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender".*

Is-sentenza fuq citata ta' Cuschieri taghmel referenza wkoll ghal gurisprudenza aktar antika fosthom ghas-sentenzi **Formosa vs Zarb Cousin** (11/09/1922) u **Il-Pulizija vs Mikiel Agius** (03.02.1947) fejn kien gie deciz:

*"delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per i delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell'11/09/22 in **re Luigi Formosa vs Carmelo Zarb Cousin**, cioe' che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole."*

Illi l-ligi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza tal-azzjoni u mhux l-aspett procedurali taghha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex u cioe' illi bniedem ma jigix ipprocessat ghal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta l-provi li jridu jigu prodotti quddiem il-Qorti ikunu jew intilfu jew gew offuskati minhabba t-telfien tal-memorja tax-xhieda li jigu prodotti. Illi l-Qorti ghalhekk temmen illi dak li jiddisponi l-**Artikolu 692** huwa car u ma ghandux bzonn ta' ebda interpretazzjoni. Il-legislatur espressament ipprovda dwar cirkostanza partikolari u cioe' ic-cirkostanza fejn reat ikun maghruf izda l-persuna li kkometta dak ir-reat ma jkunx u dana ghandu sinifikat assolut fis-sens kif deciz fis-sentenza hawn fuq citata illi jrid ikun hemm injoranza assoluta tal-awtur tad-delitt. Il-legislatur ma jsemmix il-kaz fejn ir-reat ma jkunx maghruf u kwindi dina d-disposizzjoni

tal-ligi ma ghandhiex tigi nterpretata li tfisser dan. Il-ligi hija cara – il-preskrizzjoni tibda tiddekorri dejjem meta jsir ir-reat u jieqaf jiddekorri biss meta jkun maghruf li twettaq delitt u l-awtur tal-istess ma jkunx maghruf. Allura fis-sitwazzjoni fejn ir-reat ma jkunx maghruf il-preskrizzjoni ghandha tibqa ghaddejja sakemm ir-reat jinkixef. Illi fil-kaz in dizamina meta dana r-reat inkixef, it-terminu tal-preskrizzjoni kien lahaq iddekorra. Illi di piu' il-Qorti tirrileva illi f'dana l-kaz wiehed ma jistax jghid illi kien hemm xi njoranza partikolari dwar ic-cirkostanzi li sawwru dana l-kaz. Kien hemm biss negligenza da parti tal-Pulizija li hallew dawn is-snin kollha jghaddu qabel ma ressqu lill-imputat il-Qorti.

Fil-fatt il-Professur Mamo jkompli jghid "*The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal* ***Police v. Coleiro****, decided on the 26th July 1941, because as the Court observed, the rule 'contra non valentem non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters* (vide anke Appell Kriminali fl-ismijiet **Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro** deciz fis-26 ta' Lulju 1941, Vol. XXXI.iv.407. **Police v. Agius**, decided 3rd February 1947)."

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat il-Qorti fl-1 ta' Ottubru 2012 u cioe' ghaxar snin wara li sehhew ir-reati addebitati lill-imputat, u dan meta l-Pulizija tramite s-Surgent George Farrugia tal-SVS gja kellu suspett ragonevoli li l-imputat kien irrilaxja affidavit li kien falz u dan fil-kors tal-investigazzjoni li kienet qed taghmel fis-sena 2002 meta huwa stess kien qed jinvestiga kif il-vettura tal-marka Ford Escort Mk II registrata

f'isem Rita Seguna ma kellhiex in-numri tajbin ippancjati fuq ix-*chassis* tal-vettura. Ghalhekk, fid-dawl tal-bran hawn fuq riprodott u fid-dawl tal-gurisprudenza citata, din il-Qorti ma tistax hlief taqbel mal-eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar il-preskrizzjoni[1].

**Ghaldaqstant il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 42(a)(b), 108(1) u 298D tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi minkejja dak li stqarr l-imputat stess fl-istqarrija li huwa rrilaxja lill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-10 ta' Mejju 2012 fejn ammetta l-partecipazzjoni tieghu fir-reati in desamina li tilqa' l-eccezzjoni tad-difiza u tiddikjara l-procediment preskritt.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] (*La prescrizione dell'azione penale incomincia a decorrere dal giorno in cui il reato fu commesso, tanto se fu subito conosciuto, quanto se rimase ignorato" (Cassaz. Di Napoli 17 aprile 1886 (Sezione unite), Ric. Fusco, Est. Ciollaro. Giurispr. Pen., A. 1886, 426; Legge, A. 1886, II, 167, 213; Racc. Bettini, XXXVIII, 173) – Il Codice Penale per il Regno d'Italia Vol. Quarto, Giulio Crivellari Torino, Unione Tipografico – Editrice, 1892, para. 218 p. 616.V; "Il termine di prescrizione decorre anche se il reato sia rimasto occulto per un tempo", Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, p. 492*).